13

Fit-Tribunal ta' Revizzjoni ta' l-Ambjent
u l-Ippjanar

Permess PA/00338/22

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
11 JAN 2023
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Decizzjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar (Permessi ta' Zvilupp) ippublikata fil-21 ta' Dicembru, 2022 fit-talba ghar-rikonsiderazzjoni fl-ismijiet:

D.A. Holdings Limited

*versus*

L-Awtorita ta' l-Ippjanar

RIKORS tas-socjeta D.A. Holdings Limited
Tesponi bir-rispett:

Illi s-socjeta esponenti inghatat permess sabiex tqieghed imwejjed u siggijiet fuq il-bankina pubblika quddiem il-kumpless ta' hwienet maghruf bhala Daniel's Shopping Mall fi Triq il-Kbira San Guzepp fil-Hamrun.

Illi wahda mill-kundizzjonijiet fil-permess, senjatament kundizzjoni numru 8 tipprovdi li sabiex taghmel tajjeb ghall-*shortfall* ta' tlett (3) spazzji ta' parkegg kienet qeghda tigi imposta fuq is-socjeta esponenti appellanti, kontribuzzjoni ekwivalenti ghall-hdax il-elf Euro (€11,000) favur il-*Planning Authority's Urban Improvements Fund* ghall-lokalita tal-Hamru.

Illi s-socjeta esponenti appellanti talbet r-rikonsiderazzjoni tal-imposizzjoni ta' l-imsemmija kundizzjoni ghar-ragunijiet li l-cafeteria ezistenti li kienet sejra taghmel uzu mill-ispazzju ghat-tqeghid tal-imwejjed u siggijiet tifforma parti mill-imsemmi kumpless ta' hwienet maghruf bhala Daniel's Shopping Mall u li dan il-kumpless ta' hwienet ghandu l-parkegg tieghu fil-livelli -2, -3 u –4 u ghalhekk ix-*shortfal*l ma' japplikax.

Illi permezz ta' decizzjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar (Permessi ta' Zvilupp) ippublikata fil-21 ta' Dicembru, 2022 it-talba tas-socjeta esponenti ghall-rikonsiderazzjoni tal-imposizzjoni tal-kundizzjoni numru 8 fil-permess ta' zvilupp PA/00338/22 giet michuda ghar-raguni li l-izvilupp ezistenti u approvat ma ghandux eccess (*over-provision*) ta' spazzji ta' parkegg u ghalhekk giet ikkonfermta l-imsemmija kundizzjoni numru 8.

Illi l-aggravju tas-socjeta esponenti jikkonsisti fis-segwenti:

(i) fl-ewwel lok il-Kummissjoni tal-Ippjanar ma tatx ragunijiet ghala hija thoss li ma hemmx bizzejjed spazzji ta' parkegg fl-izvilupp ezistenti u approvat u dan jirrendi din id-decizzjoni legalment insostenibbli u irrtiwali ghad illi kull decizzjoni anke dik moghtija minn korp kwazi-gudizzjarju bhal ma' hija l-imsemmija Kummissjoni, ghandu jkollha r-ragunijiet u l-motivazzjonijiet wara dik d-decizzjoni, mfissra u spjegati b'mod tali li minn ihoss li ghandu jappella minn tali decizzjoni jkollu opportunita u mezz effettiv biex jappella u mhux jithalla fil-ghama dwar x'kienu ir-ragunijiet u l-motivazzjonijiet u jkun kostrett li jippronostika hu, x'kienu l-vera ragunijiet u motivazzjonijiet;

(ii) il-Kummissjoni tal-Ippjanar ma tispjegax ghaliex hija thoss li ma hemmx eccess ta' spazzji ta' parkegg u fuq liema bazi oggettivament riskontrabbli hija wasslet ghal tali gudizzju. Dan huwa nuqqas serju li jilledi d-dritt tas-socjeta esponenti appellanti ghall-smigh xieraq tal-oggezzjoni u lanjanza taghha;

(iii) is-socjeta appellanti weriet lill-Kummissjoni tal-Ippjanar li l-kalkolu tad-disponibilita tal-ispazzji ghall-parkegg fil-kumpless ta' hwienet taghha gie determinat skond il-process tat-TIS (*Traffic Impact Statement*) u li dan il-kalkolu gie accettat u kkonfermat mill-Awtorita ta' l-Ippjanar permezz tal-hrug u ghoti tal-permess PA/2096/21 fl-1 ta' April 2022. Ghalhekk il-Kummissjoni ta' l-Ippjanar ma seghetx tmur kontra dak li -Awtorita tal-Ippjanar, li taghha l-Kummissjoni tal-Ippjanar hija sussidajarja u awsiljarja, kienet gja avvallat, konfermat u konvalidat.

(iv) id-decizzjoni tal-Kummsssjoni ta' l-Ippjanar jidher li naqset li tiehu kont tal-fatt li l-ispazzju li fuqu intalab il-permess ghat-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet tikkonsisti f'bankina pubblika li giet kostruwita minn entitajiet pubblici u ghalhekk kwalunkwe allegat *shortfall* fl-ispazzji ta' parkegg ma jista' qatt jigi kkunsidrat li sar b'mod dirett, indirett jew implicitu mis-socjeta esponenti appellanti jew fuq inizattiva taghha. Huwa assoluatment illegittimu, arbitrarju u rragonevoli li s-socjeta esponenti appellanti tigi akkollata bil-hlas ta' kontribuzzjoni ta' €11,000 sabiex tkopri it-telf (*shortfall*) ta' tlett spazzji ta' parkegg meta s-socjeta esponenti ma kellha ebda sehem dirett, indirett jew implicitu fit-telf ta' dawn l-spazzji ta' parkegg.

(v) inoltre gie ppruvat li jezisiti s-sostenn u l-avvallar tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun ghat-tqeghid tal-imwejjed u siggijiet mitlub mis-socjeta esponenti appellanti u ghalhekk huwa kontrosens, kontradizzjoni u inkongruwenza li tigi penalizzata is-socjeta esponenti appellanti bil-hlas ta' kontribuzzjoni destinata ghall-uzu tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun, minhabba talba (it-tqeghid ta' imwejjed u ta'

siggijiet) li l-istess Kunsill Lokali huwa favur, li l-istess Kunsill Lokali li qieghed jirrakkomanda u li per konsegwenza, kawza ta' tali rakkommandazzjoni, il-Kunsill Lokali nnifsu ma huwiex qieghed jikkondividi u jsostni l-imposizzjoni tal-kontribuzzjoni lamentata.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponent rikorrenti appellanti umilment titlob lil dan ir-Rispettabbli Tribunal joghogbu, gharragunijiet fuq imfissra, jirrevoka u jhassar id-decizzjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar (Permessi ta' Zvilupp) ippubllikata fil-21 ta' Dicembru 2022 u jirrevoka u jhassar il-kundizzjoni numru 8 fil-permess ta' Zvilupp PA/00338/22.

Av. Dott. Pio M. Valletta
*Farrugia, Gatt & Falzon,*
*First Floor, Regency House,*
*Republic Street, Valletta*